MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 525/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Christopher Borg**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christopher Borg ta’ 30 sena iben Alfred u Mary Anne nee Cianter mwieled Ħ’Attard fil-5 ta’ Marzu, 1979 u residenti Flat 3 Block 1, Bieb B, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Siġġiewi u li għandu l-karta tan-numru tal-identita’ 141979 (M)

Akkużat talli

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghal importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba’ u tas-sitt Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx b’xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess

tieghu u naqas li jipprov li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal- 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza datata 25.1.2008 moghtija minn din il-Qorti fejn huwa kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 15 –il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-24 t’Ottubru 2012 li biha l-Qorti sabet li l-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u illiberatu minnhom.

Rat l-appell tal-appell tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta’ Novembru, 2012 li fih talab lil dina l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis il-provi f’dan il-każ issib lill-appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tingliġġi l-piena skont il-Liġi.

Fil-qosor dan hu l-kontenut tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi minħabba li l-provi ma ġewx eżaminati skont ir-regoli tal-ġbir tal-provi fi proċeduri penali. Meta l-Qorti skartat l-istqarrija tal-appellat, hija kienet qed tmur kontra dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha ‘ Charles Steven Muscat vs L-Avukat Ġenerali’ li ma sabet ebda ksur tad-drittijiet tal-Bniedem minkejja li Charles Steven Muscat ma kellux l-assistenza ta’ avukat.

F’dan il-każ l-appellat ma kienx minorenni u kienet ingħatatlu l-caution qabel għamel l-istqarrija tiegħu. Billi l-Qorti tal-Maġistrati skartat l-istqarrija hija ma għamlitx l-analiżi li kellha tagħmel L-appellat ammetta għall-pussess tad-droga in kwistjoni bla ma ġie imġiegħel minn ħadd. Huwa kien saħansitra ċaħad li jittraffika d-drogi – liema fatt juri li l-appellat kien jaf x’qed jagħmel.

It-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li skont l-artikolu 349 tal-Kap 9 l-omissjoni ta’ xi kawzjoni , formalita’ jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m’għandhom ikunu ta’ ebda ostakolu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b’mod permess bil-liġi dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-kawzjoni, formalita’ jew ħtieġa. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova. L-ammissjoni permezz tal-istqarrija kienet ġiet ukoll ikkonfermata bil-ġurament mill-Ispettur Prosekutur.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Jirriżulta mill-atti li l-appellat kien għamel stqarrija fit-3 t'Awwissu 2009 li fiha kien ql li kien ilu jabbuża mid-dorga erojina għal erbatax-il sena 'on and off' meta kien beda bl-ismoke u imbagħad baqa' fuq l-erojina biss.L-aħħar nifs li kien ħa tal-cannabis kien madwar sena qabel. Huwa ċaħad li kien ibigħ id-droga sabiex imantni l-habit tiegħu. Madwar sentejn qabel huwa kellu każ meta sabulu needle u citric acid iżda dan il-każ kien deċiż. Fi żmien l-istqarrija huwa kien qed iżomm kuntatt regolari mal-Caritas. L-aħħar darba li ien abbuża mid-droga herojina kien xahar qabel l-istqarrija.

L-Ispettur Dennis Theuma ikkonferma bil-ġurament li fil-pussess tal-appellat ma nstabet ebda droga jew affarijiet relatati mal-użu tad-droga. L-appellat kien twissa mill-Pulizija li kellu dritt li ma jweġibx. Ix-xhud qal ukoll li l-appellat ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta avukat għax dak iż-żmien il-Liġi ma kenitx tippermetti li jkun hem tali assitenza.

Kienet ippreżentata wkoll sentenza tal-25 ta' Jannar 2008 li fiha l-appellat kien instab ħati ta' pussess ta' drog wara li kien ammetta li kellu tali pussess. Huwa kien illiberat taħt il-kundizzjoni li ma jaħgmel ebda reat ieħor fi żmien 15-il xahar mis-sentenza.

Skont il-verbal tat-12 ta' Marzu 2012, il-partijiet qablu :

'li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma bbażati biss fuq l-istqarrija.' (fol 13).

L-aggravju ewlieni tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati ma jmessiex skartat l-istqarrija tal-appellat ġaladarba l-Qorti Kostituzzjonali tat id-deċiżjoni fil-każ 'Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali' għax din is-sentenza kienet l-aktar sentenza riċenti dwar l-ammissibilita' ta' stqarrijiet li jkun għamel imputat.

Huwa tassew li fis-sentenza msemmija l-Qorti kostituzzjonali kienet ddeċidiet li wieħed irid iqis ċertu kriterji bħal, per eżempju, l-eta' tal-imputat, jekk l-imputat kellux esperjenza ta' proċeduri kriminali, kif ukoll jekk l-istqarrija tkunx ittieħdet mingħajr ebda theddid jew wegħdiet.

Fil-każ ta' llum, l-appellat kellu tletin sena, kellu liberazzjoni b'kundizzjoni u l-istqarrija ttieħdet mingħajr theddid jew wegħdi.

Meta wieħed iqis dawn il-kriterji, allura l-Qorti tal-Maġistrati, fid-dawl tas-sentenza msemmija, kellha tikkonsidra l-kontenut tal-istqarrija.

Mill-istqarrija jirriżulta li li xahar qabel l-istqarrija l-appellat kien abbuża mill-herojina. Dan ifisser li dan l-abbuż sar madwar it-3 ta' Lulju 2009.

L-aħħar nifs li kien ħa tal-cannabis kien madwar sena qabel jiġifieri madwar it-3 t'Awwissu 2008. Din id-data hija approssimattiva ħafna.

Is-sentenza b'kundizzjoni ngħatat fil-25 ta' Jannar 2008. Għalhekk il-kundizzjoni kellha tispiċċa fil-25 t'April, 2009.

Il-Prosekuzzjoni inkwadrat l-imputazzjonijiet f'time frame tat-3 t'Awwissu 2009 u 'fis-snin ta' qabel din id-data.'

Jidher li dan it-time frame ingħata minħabba li l-appellat kien stqarr li beda l-vizzju ta' erbatax-il sena u imbagħad beda jieħu 'on and off'.

Skont il-Kap 9, fil-każ ta' pussess ta' droga, hemm preskrizzjoni ta' ħames snin. It-tieni, f'dan il-każ kien hemm diġa' sentenza kontra l-appellat dwar pusess ta' droga li kienet tkopri it-3 ta' Lulju, 2007 u l-jiem ta' qabel u għalhekk irid ikun evitat xi każ ta' 'ne bis in idem' minħabba time overlap.

Jibqa' għalhekk ir-referenza għall-użu tal-herojina xahar qabel l-istqarrija. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-użu kien ippruvat.

Barra minn dan, għal dak li hu pussess ta' cannabis, l-indikazzjoni mogħtija mill-appellat fl-istqarrija hija ta' sena.

Allura din l-imputazzjoni u wkoll taqa' fit-time frame indikat mill-Prosekuzzjoni..

Dwar l-aħħar imputazzjoni- dik immarkata (ċ), jidher li l-imputat kien fil-pussess tal-herojina barra ż-żmien tal-liberazzjoni b'kundizzjoni. Min-naħa l-oħra ż-żmien indikat għall-aħħar użu tal-cannabis huwa wisq approssimattiv meta wieħed jikkonsidra li l-imputat kien qed jieħu 'on and off' skont l-istqarrija nnifisha. Għalhekk il-Qorti jibqagħlha d-dubju dwar kemm hu eżatt dan iż-żmien mogħti. Japplika l-prinċipju 'in dubio pro reo'. Għalhekk qed tiddeċiedi li ma kienx hemm prova taż-żmien 'l hemm minn kull dubju raġjonevoli u l-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali limitatament għall-ewwel u għat-tieni imputazzjoni u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-24 t'Ottubru, 2012 fl-ismijiet premessi billi qed tikkonfermaha fejn illiberat lill-imputat mit-tielet imputazzjoni u qed tħassarha u tirrevokaha fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet (a) u (b) dedotti kontrih u wara li rat l-artikoli 8(d) 22(1)(a), 22(2)(b)(2)(ii) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issibu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet iżda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------